**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Hubert Cini]**

**vs**

**Aaron Steven Stewart Edward Ritchie**

**Kumpilazzjoni Numru: 217/18**

**Illum, 11 ta' Novembru, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Aaron Steven Stewart Edward Ritchie detentur tal-karta tal-identita` numru 77000L akkuzat talli b'diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu

jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. bejn l-1 ta' Jannar 2018 u is-07 ta' April 2018 f'diversi hinijiet gewwa il-fond maghruf bhala Clive Confectionary li jinsab fi Triq Bormla, Paola, bhal l-persuna li gab ruhu b'mod li ta' fastidju lil Josette (Josephine) Al Rae-l, Damian Cushcieri u Charlene Saliba u (b) b'mod li jkun jaf jew ikun imissha tkun taf li dan ikunta' fastidju ghal dawn il-persuni u dan bi ksur tal-Artiklu 251A (a) u (b) *tal-Kodici kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;

2. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkagunat lil Josette (Josephine) Al-Rae-l, Damian Cuschieri u Charlene Saliba biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta` taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd

mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222 u dan bi ksur tal-Artiklu 251B *tal-Kodici kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;

3. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi f'xi post pubbliku immolesta n-nies biex jitlob ilkarita` u dan bi ksur tal-Artiklu, 338(x) *tal-Kodici kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tal-Kodici kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*;

4. Talli fis-07 t'April 2018 ghal habta ta bejn 10:00 hrs u 10:30 hrs gewwa l-fond Clive Confectionary li jinsab fi Triq Bormla, Paola, bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq mill-fond Clive Confectionary, Triq Bormla, Paola, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` ta' Aaron Steven

Stewart Edward Ritchie liema serq kieku sehh kien ikun aggravat, bil-vjolenza, mezz u valur u dan bi ksur tal-Artiklu 261 (a,b,c), 262 (1)(b), 263, 267, *tal-Kodici kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*;

5. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi bla ordni skont l-Ligi tal-awtorita` kompetenti ubarra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat lijarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Josette(Josephine) Al Rae-l, Damian Cuschieri u Charlene Saliba kontra l-volonta` taghha, jew ta l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata u dan bi ksur tal-Artiklu 86 u 87(e)*tal-Kodici kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*;

6. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi ta' qtajja jew bezza' lil Josette(Josephine) Al Rae-l, Damian Cuschieri u Charlene Saliba,

b'mod li seta' jaghmillu hsara, ghalkemm ghamlu b'cajt u dan bi ksur tal-Artiklu 339(i) *tal-Kodici kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*;

7. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi minghajr ma jidrob jew isawwat, jhedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew iwaddabhom, jew jaqbad armi ohra kontra n-nies; u dan bi ksur tal-Artiklu 339(*b*);

8. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 Artiklu 22 tal-Ligijiet ta' Malta impost fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. J. Mifsud L.L.D. datata 11 ta' Ottubru 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel u aktar talli:

9. Il-Qorti hija wkoll mitluba f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena skond il-Ligi, tordna r-

revoka tad-digriet maghmul fil-15 ta' Frar 2018 u mghoti mill-Imhallef Dr. G.Grixti LLD li bihom Aaron Steven Stewart Edward Ritchie inghata il-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi mputat kif ukoll tordna li s-somma bhala depozitu u garanziji personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579 (2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 wara li huwa diga` gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

11. Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` tal-imsemmija Josette (Josephine) Al Rae-l, Damian Cushcieri u Charlene Saliba, u minn issa

tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taghmel ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

12 F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Josette(Josephine) Al Rae-l, Damian Cuschieri u Charlene Saliba ai termini tal-Artikolu 383 et. Seq. tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat Aaron Steven Stewart Edward Ritchie, ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn ta l-

kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputat;

Rat il-verbal tat-8 ta' April 2018 fejn il-Qorti harget ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Josette Al Raiel, Damien Cuschieri u Charlene Saliba.

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat attentat ta' serqa bi vjolenza u dan fil-lok u hin indikat fl-akkuza.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat ikkonferma li dahal gewwa l-hanut Clive Confectionary b'mus u wiccu taht il-flokk. Qal li Charlene tafu ghax il-hin kollu gej u sejjer hemm. Kien qed jiccajta maghha u ma' Joyce fejn qalilha biex ittih pakkett *domingo* u *pasta*. Huwa nnega li joqghod jiccassa lejhom min-naha l-ohra tat-triq. Meta rega' gie mistoqsi qal li huwa qatt ma dahal ghandhom bil-mus taparsi ser jisraqhom, "qatt ma ghamilt hekk."

Xehdet **Josette Al Raiel** li qalet li fix-xitwa tas-sena 2018 ghamlet rapport ghaliex kien cemplilha l-

lavrant taghha, Damien Cuschieri, li qalilha li kienet dahlet persuna b'mus. Meta staqsiet jekk seraq xi haga Damien qalilha li dahal biex jiccajta. Ix-xhud qalet li peress li l-hanut (Clive Confectionary-Rahal il-Gdid) huwa proprjeta` taghha hija kellha taghmel ir-rapport mal-Pulizija. Qalet li mill-kamera rat lill-imputat b'mus f'idu. Ix-xhud gharfet lill-imputat u qalet li huwa jghix quddiem il-hanut fejn anki gieli jixtri mill-hanut.

In kontroezami x-xhud qalet li meta ghamlet ir-rapport ma kellhiex intenzjoni li l-imputat jehel il-habs imma li jieqaf minn din ic-cajta. Hija fil-fatt qalet li ma tridx li l-imputat imur il-habs izda li jweghda li ma jergax jaghmel dawn l-affarijiet.

Illi xehed **PS1396 Sergio Farrugia** li qal li kien rcieva telefonata fejn wara tkellem mal-kwerelant Charlene Saliba li qalet li dahal certu Ritchie u mar id-dar li tinsab faccata. Dak il-hin mar id-dar tal-imputat fejn l-istess imputat qal li ghamel dan kollu biex jiccajta. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla.

Xehed ukoll **PS15 Cyril Butters** li pprezenta *current incident report* li gie mmarkat bhala Dok. CB1 – fol. 73 tal-process.

Illi xehdet **Charlene Saliba** li qalet li ma tiftakarx id-data u li ma kinitx hemm meta l-imputat dahal bil-mus. L-imputat pero` kien mar fuqha u staqsieha jekk bezghetx mill-mus. Qalet li ommha tigi sid il-hanut. Lill-imputat tafu ghaliex joqqhod faccata u gieli jmur jixtri mill-hanut.

Illi xehed ukoll **Damian Cuschieri** li qal li jahdem gewwa Clive Convenience, Paola, li qal li ma jiftakarx id-data pero` kien filghodu meta l-imputat dahal gol-hanut fejn kien qed izomm il-flokk mgholli b'idejh u staqsa lix-xhud biex ittih il-flus mill-cash "*u wrieni l-mus go jdejh u tefghu fuq il-counter*." Ix-xhud spjega li x'hin l-imputat rah li kien qed jipprova jiftah il-*cash* huwa nizzel il-flokk, heba l-mus wara dahru u qal li kien qed jiccajta. Wara beda jkellem lix-xhud, xtara zewg pasti u telaq 'il barra. Qal li l-mus kien miftuh ghax ra x-xafra. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla u qal li gieli jixtri mill-hanut. Huwa fil-fatt qal li gharaf lill-imputat mill-ewwel meta dahal fil-hanut. Mistoqsi jekk l-imputat ghamel tranzazzjoni kummercjali normali x-xhud qal li iva. Qal li l-imputat ma telaqx bil-heffa, telaq b'mod normali wara li kiel il-pasti. Ix-xhud qal li x'hin ra l-mus inhasad u anki wara li qallu li kien qed jiccajta xorta wahda baqa' mahsud.

Xehed l-**Ispettur Hubert Cini** li qal li Josette Al Raiel u Damien Cuschieri kienu marru jaghmlu rapport l-ghassa fis-7 ta' April 2018. L-Ispettur qal li kemm Josette u kif ukoll Damien qalulu li din ma kinitx l-ewwel darba li l-imputat ghamel hekk. Huwa pprezenta c-*CCTV footage* li kienet tatu sid il-hanut Josette Al Raiel. Qal li meta saret tfittxija fir-residenza fejn jghix l-imputat instab il-mus – Dok. HC9. L-Ispettur Cini esebixxa seba' sentenzi li gew immarkati bhala Dok. HC9 sa HC15:

a. Dok. HC9: Il-Pulizija vs. Aaron Ritchie, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali), Mag. Dr. Ian Farrugia, nhar l-24 ta' Marzu 2014, fejn Aaron Ritchie gie kkundannat ghal sitt (6) xhur prigunerija kif ukoll gie sospiz milli jsuq ghal 12-il xahar.

b. Dok. HC10: Il-Pulizija vs. Aaron Ritchie, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali), Mag. Dr. Marse-Ann Farrugia, nhar il-25 ta' Jannar 2013, fejn Aaron Ritchie gie kkundannat ghal sitt (6) xhur habs effettivi.

c. Dok. HC11: Il-Pulizija vs. Aaron Ritchie, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali), Mag. Dr. Antonio Mizzi,

nhar il-15 ta' Ottubru 2012, fejn Aaron Ritchie gie kkundannat ghal hames (5) snin prigunerija.

d. Is-sentenza esebita bhala Dok. HC12 hija repetizzjoni tas-sentenza esebita bhala Dok. HC9.
e. Is-sentenza esebita bhala Dok. HC13 hija repetizzjoni tas-sentenza esebita bhala Dok. HC10.

f. Is-sentenza esebita bhala Dok. HC14 hija repetizzjoni tas-sentenza esebita bhala Dok. HC11.

g. Dok. HC15: Il-Pulizija vs. Aaron Ritchie, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali), Mag. Dr. Edwina Grima, nhar it-23 ta' Gunju 2011, fejn Aaron Ritchie tqieghed taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin.

Xehed **John Sacco** li qal li hareg sittax-il *still* mill-*footage*. Qal li d-data stampata fuq il-*footage* kien 04/07/2018. Minn dawn l-istills jidher ragel bil-flokk mgholli fuq wiccu u li kellu strument bil-ponta f'idejh – Dok. JS1.

Xehed **Oswald Balzan** li pprezenta lista minn fejn jirrizultaw id-dati meta l-imputat kien rikoverat l-Isptar Monte Karmeli – Dok. OB1 a fol. 160.

Illi gew ipprezentati wkoll zewg *bail books* mid-Deputat Registratur - fol. 161.

Rat il-verbal tal-14 ta’ Marzu 2019 fejn l-Ispettur Hubert Cini rrinunzja ghall-akkuza rigward il-ksur tal-liberta` provizorja stante li diga` hemm sentenza f’dan ir-rigward fil-konfront tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi a rigward tal-akkuza principali u cioe’ tal-attentat ta’ serq bi vjolenza, jinghad illi l-fattispeci kif sehhew jaghmluha fermament difficli li dan seta’ jissejjah bhala serq anke jekk hareg car illi l-imputat Ritchie kellu fil-pussess tieghu arma u cioe’ mus. Illi pero’ bil-mod kif ikkomporta ruhu meta dahal fil-post u cioe’ li kien vizibilment rikonoxxibbli, u li pogga l-mus immedjatament fuq il-bank u li minghajr l-ebda tip ta’ raguni huwa dahhal dan il-mus u xtara pasti ma tistax tqis bhala din is-serqa kredibbli. Illi pero’ xorta wahda l-imputat kien qed igorr mus fuq il-persuna tieghu u xorta wahda kkaguna biza’ lil Damian Cuschieri.

Illi ghalhekk l-istess ragunament ghandu japplika ghall-akkuza ta’ sekwestru ta’ persuna ghaliex ma

ngabitx prova li effettivament ix-xhud Damien Cuschieri kien impedit ghal xi hin li jkun liberu.

Illi a rigward l-ewwel (1) akkuza u cioe' dak tal-fastidju ghalkemm inghad li l-atteggjament tal-imputat ma kienx l-ewwel darba li sar, u stante li ngabet il-prova tal-*course of conduct* da parti tal-imputat versu l-parte civile (fol 48) din l-akkuza giet ippruvata.

Illi l-istess raguament japplika ghat-tieni (2) akkuza jinghad illi l-imputat gie ppruvat li kkaguna biza' fil-konfront tal-persuna li kien hemm dakinhar u cioe' Damian Cuschieri.

Illi t-tielet (3) akkuza u cioe' li kien akkuzat li kien qed jitlob il-karita' ma gietx ippruvata izda s-sitt (6) akkuza u cioe' li huwa b'xi mod ghalkemm setghet kienet cajta bezza' lill-parte civile kollha giet ippruvata ghaliex ghalkemm mhux kulhadd kien prezenti f'dak il-mument il-persuni l-ohra xehdu illi huwa ma kinux qeghdin jiehdu pjacir bl-atteggjament tal-imputat u b'xi mod kienu qeghdin jibzghu minnu. Ugwalment is-seba' (7) akkuza giet ukoll ippruvata.

Illi t-tmien (8) akkuza giet ippruvata permezz ta' sentenza esebita mill-prosekuzzjoni izda d-disa' (9) akkuza ma gietx ippruvata u fil-fatt giet irtirata mill-prosekuzzjoni stante li l-imputat kien gie

precedentement issentenzjat fuqha. Illi pero' a rigward l-ghaxar (10) akkuza u cioe' dik tar-recidiva din giet ampjament ippruvata permezz ta' sentenzi esebiti mill-prosekuzzjoni u li huma elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 251A (1)(b), 251B, 339(i), 339(b), 31 (1)(g), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 22 u 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil Aaron Steven Stewart Edward Ritchie hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), is-sitt (6), is-seba' (7), t-tmien (8), u l-ghaxar (10) tikkundannah ghall-perjodu ta' prigunerija ghal zmien disa' (9) xhur effettivi filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha stante li ma gewx ippruvati.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat qed jigi wkoll ikkundannat ihallas l-ispejjez marbutin mal-hatra tal-esperti nominati f'dawn il-proceduri li dawn jammontaw ghas-somma ta' sitt mija u tmenin ewro u tmienja u disghin centezmu (€680.98).

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 412A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed torbot lill-imputat ghall-Ordni ta' Protezzjoni ghal zmien tliet (3) snin li

tali ordni ghandha tifforma parti minn din is-sentenza.

**Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**